**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-Ħadd, 23.10.11: IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA**

## ĠURNATA IL-MISSJUNARJA

Il-ġbir kollu li jsir llum fil-knisja waqt il-quddies ikun kollu għall-Missjoni.

Illum se jsir il-ġbir tad-Demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bejn it-8.30a.m. u s-1.00p.m.

Min imur jieħu miegħu l-Karta ta' l-Identita'.

**IT-TNEJN, 24.10.11: Fis-7.30p.m. RUŻARJU FIŻ-ŻONA.**

Illum imiss li jingħad ir-Rużarju fiż-żona ta' Triq il-Kbira. Ikun ħdejn id-Duluri.

Nistiednu lill-familji ta' din iż-żona biex jiġu jieħdu sehem f'din t-talba Marjana.

**IT-TLIETA, 25.10.11: Fis-7.30p.m.** Ikun hawn il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (**Lectio Divina**)

Din tkun fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĠIMGĦA, 28.10.11: FESTA TA' SAN XMUN U SAN ĠUDA APPOSTLI.**

**Fit-7.45a.m. Power Point** għat-Tfal tad-Duttrina fid-Dar Parrokkjali.

## LAQGĦA GĦAT-TFAL TAL-GRIŻMA

**FIL-5.30p.m.** Se ssir laqgħa għal dawkkollha li din is-sena se jirċievu s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni (Griżma tal-Isqof). Dawn il-kandidati huma mitluba li jkunu kollha preżenti.

Il-laqgħa se tkun fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦADD, 30.10.11: IL-WIEĦED U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

### KORS TAL-GĦARAJJES

Il-Ħadd, 30.10.11: issir laqgħa oħra ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes. Il-Ħin ikun fil-11.15a.m., u tkun fid-Dar Parrokkjali.

### ĦIN TAX-XITWA

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Ottubru, jibda il-Ħin tax-Xitwa.

Il-ħin tal-quddies se jibqa' kollu l-istess. Tinbidel biss il-quddiesa ta' fil-għaxija ta' nhar ta' xogħol li tibda tkun fis-6.00p.m.

### PROVI KOR TAT-TFAL

Nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa wara l-quddiesa ta' fil-għaxija, il-membri tal-Kor tat-Tfal se jkollhom il-provi tal-kant. Dawn se jkunu fil-knisja. Il-laqgħa ddum nofs siegħa.

Dawk t-tfal li jixtiequ jidħlu fil-Kor tat-Tfal iridu jkunu minn Year 1 'l fuq u jkellmu lil Margaret.

### QUDDIESA U PARTY GHAL-PERSUNI B'DIZABILITA.

Il-parroċċa se torganizza laqgħa għall-Persuni b'diżabilita' minn Għawdex kollu.

Din se tkun nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru, u tibda bil-quddiesa tal-10.30a.m. Wara jmorru fid-Dar Parrokkjali fejn ikollhom trattament apposta għalihom.

Min jixtieq jagħti daqqa t'id, ikellimna.

### KONFERENZA DWAR ID-DOWN SYNDROME

Nhar is-Sibt, 5 ta' Novembru se ssir konferenza dwar il-persuni bid-Down Syndrome. Din se tkun fis-sala tal-Konferenzi fil-Ministeru għal Għawdex, Victoria.

Għal iktar informazzjoni ċempel fuq dawn in-numri:
21235158 jew 79521137 jew 99229418 .